**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-07 ta' April, 2017**

Talba Numru: 315/2016 AM3

Numru fuq il-Lista: 35

**GO p.l.c. (C22334)**
**Triq Fra Diegu,**
**Marsa**
**MRS 1501**

**vs**

**Taylor West (ID 123642A)**
**Med Asia Playa, Flat 1,**
**Ix-Xatt ta' Qui Si Sana,**
**Sliema**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fid-09 ta' Awwissu, 2016 illi permezz tiegħu s-Soċjeta′ attriċi talbet mingħand il-konvenut il-ħlas tas-somma ta' elfejn mija u sitta u erbghin centezmu (€2,100.46c) in konnessjoni ma' servizzi

elettronici ta’ kommunikazzjoni maghrufa bhala ‘Limitless 60’ u ‘limitless Home Pack Silver’ rispettivament, liema servizzi gew ipprestati mis-Socjeta’ attrici lil konvenut fuq l-akkonti AC 40517547 u AC40517247.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-Soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-Soċjeta` attriċi s-somma ta’ elfejn mija u sitta u erbghin centezmu (€2,100.46c) bl-imghaxijiet legali mid-09 ta’ Awwissu, 2016 data tal-prezentata tal-avviz tat-talba sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**